MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 538/2002/1

V.A.B. Co. Ltd
-vs-
Maria Isabella sive Marisa Camilleri mizzewga Turdogan

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta’ attrici V.A.B. Company Limited ippremmettiet:

Illi, fit-tmienja (8) ta’ Mejju 1997 il-partijiet kienu iffirmaw ‘management agreement’ (Dok A) li permezz tieghu l-konvenuta Marisa Camilleri kienet inghatat l-inkarigu sabiex tamministra l-post ‘Jumbo Lido’ ghal-perjodu ta’ sitt snin.

Illi, l-konvenuta kienet hallset is-somma ta’ erbghin elf lira (Lm40,000) dak inhar illi giet iffirmata l-imsemmija skrittura rappresentanti hlas ghall-perjodu Mejju 1997 sa Mejju 1999.

Illi, l-konvenuta kienet obbligat ruhha illi thallas is-somma ta’ ghoxrin elf lira (LM20,000) fis-sena pagabbli bil-quddiem ghall-erba’ snin rimanenti.

Illi, l-hames pagament ta’ ghoxrin elf lira Maltin (LM20,000), ghall-perjodu Mejju 2002 sa Mejju 2003, kien dovut fit-8 ta’ Mejju 2002, skond kif jirrizulta mill-istess imsemmija skrittura.

Illi, flimkien mal-ghoxrin elf lira (LM20,000) il-konvenuta trid thallas ukoll it-taxxa tal-VAT, bir-rata ta’ 15%, ammontanti ghalhekk ghas-somma ta’ tlett elef lira (LM3,000).

Illi l-konvenuta giet interpellata biex thallas, din xorta baqghet inadempjenti.

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta’ attrici, il-konvenuta ‘ghandiex eccezzjonijiet x’taghti u ghalhekk il-kawza tista’ tigi decisa ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Ghalhekk is-socjeta’ attrici talbet li din il-kawza tigi deciza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe’ bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u konsegwentament li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ LM23,000 li minnhom LM3,000 huwa VAT, dovuti lis-socjeta’ attrici a bazi tal-iskrittura privata datata 8 ta’ Mejju 1997 – kollox skond intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali kalkolabbli mit-8 ta’ Mejju 2002 u bl-ispejjes Lm20 tal-konsult kontra l-konvenuta li minn issa giet ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Maria Isabella sive Marisa Camilleri fejn gie eccepit:

Illi fl-ewwel lok l-assenza ta’ zewgha l-gudizzju mhux integru;

Illi fit-tieni lok hija ma hiex il-legittimu kontradittur f’din il-kawza billi l-lokazzjoni in kwistjoni kienet giet minnha assenjata lil terzi skond u fit-termini tal-kuntratt bejniethom esistenti u b’din l-assenjazzjoni kienu notifikati l-istess atturi;

Illi fit-tielet lok l-atturi kienu inadempjenti fil-konfront tal-konvenuti fit-termini tal-obbligazzjonijiet minnhom assunti fil-lokazzjoni;

Illi fir-raba lok il-lokazzjoni giet validalment terminate u s-socjeta’ li hadet l-inkwilinat ghaddiet ghad-depozitu tac-cwievet tal-fond fil-Qorti;

Illi fil-hames lok illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi fis-sitt lok u minghar pregudizzju ghas-suespost ghal dak li jirrigwardja t-taxxa fuq il-valur mizjud din ma hiex dovuta minnha imma mis-socjeta’ attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Semghet ix-xhieda prodotti mis-socjeta’ attrici u dawk prodotti mill-konvenuta.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u id-dokumenti esebiti.

Rat li il-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet Fattwali**

Illi, fit-tmienja ta’ Mejju 1997 il-partijiet kienu ffirmaw ‘*management agreement’* (Dok A, fol 6) datat 8 ta’ Mejju 1997 li permezz tieghu l-konvenuta kienet inghatat mis-

soċjetà attriċi l-inkarigu sabiex tamministra l-post 'Jumbo Lido' ghal perjodu ta' sitt snin.

Illi, l-konvenuta kienet hallset is-somma ta' erbghin elf lira (Lm40,000) dak inhar illi giet iffirmata l-imsemmija skrittura rappreżentanti hlas ghall-perjodu Mejju 1997 sa Mejju 1999. Il-konvenuta kienet obbligat ruhha illi thallas is-somma ta' ghoxrin elf lira (LM20,000) fis-sena pagabbli bil-quddiem ghall-erba' snin rimanenti.

Is-soċjetà attriċi bdiet bil-proċeduri ġudizzjarji kontra l-konvenuta għaliex hija tgħid illi l-konvenuta ma ħallsitx il-hames pagament ta' ghoxrin elf lira Maltin (LM20,000), ghall-perjodu Mejju 2002 sa Mejju 2003, illi kien dovut fit-8 ta' Mejju 2002, u bil-preżenti kawża, hija qiegħda titlob lill-Qorti tikkundana lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' LM23,000 li minnhom LM3,000 huwa VAT, bir-rata ta' 15%, dovuti lis-socjeta' attrici a bazi tal-imsemmija iskrittura private.

Da parti tagħha, il-konvenuta Maria Isabella sive Marisa Camilleri, apparti li tagħmel eċċezzjonijiet preliminari li sejrin jiġu kkunsidrati aktar 'l isfel, tgħid illi s-soċjetà attriċi kienet inadempjenti fil-konfront tagħha fit-termini tal-obbligazzjonijiet minnha assunti u tgħid ukoll illi l-lokazzjoni ġiet terminata meta l-inkwilinat għadda għand terzi u meta l-konvenuta iddepożitat iċ-ċwievet tal-fond taht l-Awtorita' tal-Qorti. Il-konvenuta in oltre tecepixxi li t-taxxa fuq il-valur mizjud mhux dovuta minnha imma mis-socjeta' attrici.

Illi f'Novembru tas-sena 2000, it-titolu tas-soċjetà attriċi fuq il-fond in kwistjoni ġie rexxiss permezz ta' att pubbliku, u kopja ta' dan il-kuntratt ġiet ippreżentata a fol 94.

Illi fil-kors tal-kawża, il-konvenuta ghamlet talba għas-soprasessjoni tal-kawża odjerna prevja l-eżitu tal-kawża ċitazzjoni numru 75/2008 AL fejn it-talba kienet li l-Qorti tiddikjara illi l-ftehim bejn il-partijiet ma għandux jibqa' fis-seħħ stante illi tali ftehim bejn il-partijiet kien bi ksur tal-konċessjoni enfitewtika tas-soċjetà attriċi. Jiġi osservat illi

dik il-Qorti, b'sentenza datata 3 ta' Mejju 2001, kienet ċaħdet it-talba peress illi din kienet preskritta.

Jirriżulta ukoll illi kien hemm mal-erbgħa kawżi oħra mibdija mis-soċjetà attriċi kontra l-konvenuta fuq dan il-management fee illi huwa mertu tal-kawża odjerna. Jirriżulta ukoll illi minkejja illi kienet interpellata diversi drabi għall-ħlas, il-konvenuta baqgħet inadempjenti u kwindi is-soċjetà attriċi kellha tiftaħ din il-kawża.

**<u>Konsiderazzjonijiet Legali</u>**.

Fl-ewwel eċċezzjoni, il-konvenuta teċepixxi fl-assenza ta' zewgha, il-gudizzju mhux integru. Dwar l-integrita tal-gudizzju jiġi osservat illi ġiet ippreżentata kopja minn ricerka fejn jidher li l-konvenuta kienet ghazlet li zzomm l-assi taghha separati minn dawk ta' zewgha. Dok (PF 1). Kwindi għal din ir-raġuni il-konvenuta setgħet tiġi mħarrka weħedha kif fil-fatt qed issir fil-kawża odjerna, u ma kienx hemm bżonn illi jiġi mħarrek żewġha sabiex il-ġudizzju jkun integru. Għaldaqstant din l-ewwel eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda.

Fit-tieni eċċezzjoni, il-konvenuta teċepixxi illi hija mhiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza billi l-lokazzjoni in kwistjoni kienet giet minnha assenjata lil terzi u b'din l-assenjazzjoni kienu notifikati l-atturi. Dwar dan is-socjeta' attrici tghid illi hija ma kienetx taf bl-imsemmija sostituzzjoni. Da parti tagħha, il-konvenuta tghid illi hija kellha d-dritt tisosstitwixxi ruħha fil-*management* b'socjeta b'responsabilita limitata li tkun ikkostitwiet hija stess. Il-konvenuta tallega illi fil-fatt ghamlet dan innotifikat lis-soċjetà attriċi b'dan permezz ta' ittra ufficjali esebita a fol 59.

Skond il-ftehim li sar bejn il-partijiet il-klawsola 10 tghid:

*"10. The manager shall have the right to sub-contract or assign this agreement to third parties provided that he obtains the company's approval in writing, which approval shall not be capriciously withheld. Upon the happening of*

*this event, and simultaneously therewith, the manager and/or the new manager and/or the assignee shall pay to the company the sum equivalent to two years' fee in advance and provide the same bank guarantee existing today."*

Jiġi osservat illi kreditur seta' jċedi l-jeddijiet tiegħu lil terzi, iżda debitur ma jistax iċedi d-djun mingħajr il-kunsens tal-kreditur. Skond il-ftehim bejn il-partijiet, il-konvenuta kellha tikseb il-kunsens tas-soċjetà attriċi sabiex tkun tista' ssir din l-assenjazzjoni. Is-soċjetà attriċi tiċħad illi tat il-kunsens tagħha kif ftehmu il-partijiet fil-paragrafu numru għaxra tal-ftehim ta' bejniethom, u l-konvenuta ma ġabet ebda prova dwar dan. Għalhekk, din it-tieni eċċezzjoni ukoll għandha tiġi miċħuda.

Fit-tielet eċċezzjoni, il-konvenuta teċepixxi illi s-soċjetà attriċi kienet inadempjenti fil-konfront tal-konvenuti fit-termini tal-obbligazzjonijiet minnhom assunti fil-lokazzjoni.

Meta kienet qiegħda tixhed il-konvenuta, fol 49, qalet illi kien hemm difetti strutturali u illi l-post mhux kollu kien tajjeb sabiex jitmexxa negozju ġewwa fih. Hija tgħid illi ħafna mill-apparat ma kienx jaħdem. Hija tgħid ukoll illi darba waħda, kien hemm maltempata u konsegwenza ta' din il-maltempata, il-post iġġarraf.

Is-soċjetà attriċi tiċħad illi hija kienet inadempjenti fil-konfront ta' xi obbligi assunti minnha,

**Peter Fenech,** Direttur tal-Kumpanija VAB Company Limited qal li:

*"Il-post, il-konvenuta kienet tafu sewwa; kienet taf x'fih u r-ragel taghha kien jaf kif jithaddem u anke ra l-apparat jahdem."*

**Ix-xhud Franco Camilleri** (fol 38) illi kien jaħdem mal-Jumbo Lido, ikkonferma li l-apparat, apparti id-*dishwasher*, kien kollu mixtri ġdid u kien kollu jaħdem.

Jiġi osservat ukoll illi r-rapporti dwar il-ħsarat ippreżentati mill-konvenuta kienu datati April u Mejju 2000 filwaqt illi l-kawża odjerna titratta somma dovuta tliet snin wara l-imsemmija rapporti.

Jiġi osservat ukoll illi jirriżulta mill-provi illi r-raġel tal-konvenuta kien mar diversi drabi l-Lido mertu tal-kawża odjerna u ġie ukoll spjegat lilu kif jaħdem l-apparat. Inoltre, ma jirriżultax mill-provi illi l-konvenuta ilmentat mas-soċjetà attriċi dwar xi ħsarat strutturali jew xi ħsarat fl-apparat, iżda hija infurmat lis-soċjetà attriċi dwar dan biss meta din tal-aħħar bdiet proċeduri ġudizzjarji fil-konfront tagħha.

Inoltre fl-iskrittura datata 8 ta' Mejju 1997 ma jirrizultax li s-socjeta' attrici assumiet xi obbligu li ghandha taghmel tajjeb ghall-hsarat illi seta' jsoffri l-apparat sitwat fil-fond in kwistjoni. Kwindi għal dawn ir-raġunijiet, din it-tielet eċċezzjoni ukoll għandha tiġi miċħuda.

Fir-raba eċċezzjoni, il-konvenuta teċepixxi illi l-lokazzjoni giet validament terminata u s-socjeta' li hadet l-inkwilinat ghaddiet ghad-depozitu tac-cwievet tal-fond fil-Qorti. Fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni jiġi osservat illi hawnhekk il-konvenuta qiegħda tippretendi illi hija terminat il-ftehim billi sempliciment iddepositat ic-cwievet fir-registru tal-Qorti. Dan huwa żbaljat għaliex gest unilaterali ma jxoljiex il-kuntratt, u b'hekk ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet baqgħet fis-seħħ kif ukoll l-obbligi miftehma bejn il-partijiet għadhom validi, inkluz dik li tistipula l-hlas tal-management fee. Għal dawn ir-raġunijiet, ir-raba eċċezzjoni ukoll għandha tiġi miċħuda.

Fil-ħames eċċezzjoni, il-konvenuta teċepixxi illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Jiġi osservat illi fl-affidavit taghha, il-konvenuta tgħid illi hija ma taqbilx mal-ammont imsemmi fic-citazzjoni, għaliex tgħid illi l-ftehim kien ta' Lm18,500 fis-sena, oltre s-somma ta' Lm1,500 akkont tal-*insurance premium.* Hawnhekk jiġi osservat illi l-iskrittura privata tindika b'mod car li l-pagament annwali mill-konvenuta kellu jkun ta' Lm20,000 bhala *management*

*fee* b'effett mit-8 ta' Mejju 1999 u huwa proprju dan l-ammont li qed jigi mitlub fic-citazzjoni attrici.

B'referenza għall-**Artikolu 1002 tal-Kap 16** li jipprovdi:

"*la darba l-kliem tal-konvenzjoni mehud bis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, huwa car, m'hemmx lok ghall-interpretazzjoni"*

Kwindi, fid-dawl ta' dan l-artikolu, jingħad illi din il-Qorti għandha timxi ma' dak li dwaru ftehmu l-partijiet fil-kawża odjerna. Illi l-vertenza odjerna titratta Management Fee kif miftehma fil-Management Agreement. Jiġi osservat illi t-termini u l-kundizzjonijiet ġew miftehma fuq l-iskrittura privata li tgħodd daqs ligi bejn il-partijiet, u t-termini ta' pagament jirrizultaw mill-istess skrittura privata. Kwindi, din il-ħames eċċezzjoni ukoll għandha tiġi miċħuda

Fis-sitt eċċezzjoni, il-konvenuta teċepixxi illi ghal dak li jirrigwardja t-taxxa fuq il-valur mizjud mhux dovuta minnha imma mis-socjeta' attrici. Jiġi osservat illi l-VAT dahlet fis-seħħ mis-sena 1998, rizultat tal-bdil tas-sistema fiskali tal-pajjiz. Kwindi din is-sistema ġiet introdotta fis-sena meta kien għadu fis-seħħ dan il-kuntratt u kwindi din it-taxxa hija applikabbli ukoll għal dan il-ftehim, għaliex bid-dħul fis-seħħ tas-sistema fiskali, sar obbligatorju illi din tinġabar. Jiġi osservat illi t-taxxa fuq il-valur miżjud zdidet fuq l-ammont ta' *management fee* bir-rata stabbilita mil-ligi, u b'hekk il-konvenuta ghandha thallas ukoll l-ammont mitlub bhala V.A.T.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet attrici jirrizultaw ppruvati u ghandhom jigu milqugha.

Ghal dawn il-mottivi kollha tiddeciedi billi fl-ewwel lok tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta u billi fit-tieni lok tilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM23,000 li minnhom LM3,000 huwa VAT, dovuti lis-socjeta' attrici a bazi tal-iskrittura privata datata 8 ta' Mejju 1997 u dana bl-imghaxijiet kollha legali kalkolabbli mit-8 ta' Mejju 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament. L-

imsemmija somma fi flus Maltin hija ekwivalenti ghal Ewro tlieta u hamsin elf, hames mija u disghin (€ 53,590).

Spejjez kollha kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------